

**Domandi preliminari**

- (1) L-attivitajiet sportivi mhux organizzati, mhux sistematiċi u ta' rikreazzjoni li jistgħu jiġu pprattikati b'dan il-mod f'kumpleksi fejn ikun hemm pixxina mikxufa (pereżempju, l-għawm rikreattiv jew il-logħob bil-ballun rikreattiv) jistgħu jiġu kkwalifikati bħala Prattika tal-isport jew tal-edukazzjoni fiżika fis-sens tal-Artikolu 132(1)(m) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud <sup>(1)</sup>?
- (2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, l-għoti, bi hłas, ta' aċċess għall-kumpleksi fejn tkun tinsab tali pixxina mikxufa, li joffru lill-viżitaturi l-possibbiltà msemmiya iktar 'il fuq li jiġu pprattikati attivitajiet sportivi, minbarra evidentement tipi oħra ta' rikreazzjoni jew ta' mistrieħ, jista' jiġi kkwalifikat bħala provvista ta' servizzi li għandhom rabta mill-qrib mal-ippraktikar tal-isport jew tal-edukazzjoni fiżika pprovduti lil persuni li jipprattikaw l-isport jew l-edukazzjoni fiżika fis-sens tad-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq tad-Direttiva 2006/112/KE, u għalhekk bħala servizz eżenti mit-taxxa fuq il-valur miżjud bil-kundizzjoni li jiġi pprovdut minn korp mingħajr skop ta' lukru kif ukoll li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet l-oħra stabiliti mill-imsemmija direttiva?

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, p. 1

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal amministratif (il-Lussemburgu) fis-16 ta' Jannar 2012 — Elodie Giersch, Benjamin Marco Stemper, Julien Taminiaux, Xavier Renaud Hodin, Joëlle Hodin vs l-Istat tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu**

(Kawża C-20/12)

(2012/C 98/20)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal administratif

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Elodie Giersch, Benjamin Marco Stemper, Julien Taminiaux, Xavier Renaud Hodin, Joëlle Hodin

*Konvenut:* L-Istat tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu

**Domandi preliminari**

Fid-dawl tal-prinċipju Komunitarju ta' trattament ugwali mħabbar fl-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1612/68 <sup>(1)</sup>, il-kunsiderazzjonijiet ta' politika tal-edukazzjoni u ta' politika baġitarja

li saru mill-Istat Lussemburgiż, jiġifieri li tipprova tiġi nkorraġġuta żieda fil-proporzjon ta' persuni li għandhom diploma ta' edukazzjoni oġhla, li attwalment hija insuffiċjenti meta mqabbel ma' dik internazzjonali għal dak li jirrigwarda l-popolazzjoni residenti fil-Lussemburgu, kunsiderazzjonijiet li jkunu mhedda serjament li kieku l-Istat Lussemburgiż kellu jagħti l-għajnuna finanzjarja għal studji terzjarji lill-istudenti kollha, mingħajr ebda konnessjoni mas-soċjetà tal-Gran Dukat, sabiex iwettqu l-istudji terzjarji tagħhom fi kwalunkwe pajjiż fid-dinja, li jwassal għal piż li ma huwiex raġonevoli għall-baġit tal-Istat Lussemburgiż, jikkostitwixxu kunsiderazzjonijiet, fis-sens tal-ġurisprudenza Komunitarja iċċitata iktar 'il fuq, li jistgħu jiġġustifikaw it-trattament differenti li jirriżulta mill-obbligu ta' residenza impost kemm fuq iċ-ċittadini Lussemburgiżi kif ukoll fuq ċittadini li ġejjin minn Stati Membri oħra sabiex jiksbu għajnuna għall-istudji terzjarji?

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68, tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi hđan il-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 15).

**Appell ippreżentat fil-16 ta' Jannar 2012 minn Abbott Laboratories kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tal-15 ta' Novembru 2011 fil-Kawża T-363/10 — Abbott Laboratories vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

(Kawża C-21/12 P)

(2012/C 98/21)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Appellanti:* Abbott Laboratories (rappreżentanti: R. Niebel u C. Steuer, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet tal-appellanti**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-15 ta' Novembru 2011 fil-Kawża T-363/10;

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tad-9 ta' Ġunju 2010 fil-Każ R 1560/2009-1 dwar l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 008 448 251, RESTORE;

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) għall-ispejjeż.